MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 442/2008

bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Simon Spiteri, iben Espedito, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Settembru, 1973, karta ta’ l-identita numru 470763(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli f’dawn il-Gżejjer, bejn April, 2006 u Marzu, 2007, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel

użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' €2,795.25 għad-dannu ta' kull wieħed mis-segwenti persuni: Albert Micallef mill-Mellieħa, Adrian Farrugia mill-Mellieħa, Darren Muscat minn San Pawl il-Baħar, Paul Fenech mill-Mellieħa, Maria Vella mill-Mellieħa, Conrad Scicluna mill-Imtarfa, Ian Scicluna mill-Imtarfa, Adrian Scicluna mill-Imtarfa, Paul Micallef minn Ħaż-Żebbuġ, Sean Deguara mis-Siġġiewi, Charles Micallef minn Birżebbuġia, Rachel Chircop mir-Rabat, Eddie Azzopardi minn H'Attard, Saviour George Azzopardi mix-Xagħra, Għawdex, Clayton Micallef minn Ħaż-Żebbuġ u Donabel Micallef minn Ħaż-Żebbuġ;

2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jewikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' ħa u żamm għandu €2,795.25 għad-dannu ta' kull wieħed mis-segwenti persuni: Albert Micallef mill-Mellieħa, Adrian Farrugia mill-Mellieħa, Darren Muscat minn San Pawl il-Baħar, Paul Fenech mill-Mellieħa, Maria Vella mill-Mellieħa, Conrad Scicluna mill-Imtarfa, Ian Scicluna mill-Imtarfa, Adrian Scicluna mill-Imtarfa, Paul Micallef minn Ħaż-Żebbuġ, Sean Deguara mis-Siġġiewi, Charles Micallef minn Birżebbuġia, Rachel Chircop mir-Rabat, Eddie Azzopardi minn H'Attard, Saviour George Azzopardi mix-Xagħra, Għawdex, Clayton Micallef minn Ħaż-Żebbuġ u Donabel Micallef minn Ħaż-Żebbuġ;

3. talli b'hekk ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tas-6 ta' Diċembru, 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijietta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif kontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali u sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' Ġunju, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijjiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 308, 309, 310(a) u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 28A, 28B u 28Ċ tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu, 2012 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta' Diċembru, 2006 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal sena priġunerija, liema sentenza ġiet sospiża għal sentejn a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Semgħet il-prova ta' l-identita' u tiddikjara li l-imputat kiser il-kondizzjonijiet mposti taħt l-imsemmija sentenza.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanah għal piena ta' sentejn priġunerija. Minbarra dan, rat is-sentenza hawn fuq indikata, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza tibda sseħħ u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sena priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €2,037.71 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------